MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 7/2006

**Jason Muscat**

**vs**

**St. Edward's College**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Mejju, 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Introduzzjoni

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f' isem Jason Muscat (ID 404171M) mill-Avv. Paul Pullicino fejn qed jghid illi fit-23 ta' Settembru 2005 l-appellant gie ddikjarat mill-iskola intimata bhala *"redundant."*

Is-Sur Jason Muscat kien assistit mill-Avv. Paul Pullicino aktar ‘il quddiem jissejjah l-appellant. Ghall-iskola li aktar tard tissejjah l-iskola intimata deher is-Sur Anthony Saliba, Headmaster assistit mill-Avv. Peter Fenech.

Stqarrija tal-Kaz

L-appellant jghid illi mhux l-ahhar wiehed illi gie ngaggjat mill-iskola intimata f’ dan il-klassi ta’ impjegati, u allura l-iskola intimata kienet obbligata illi l-ewwel tiddikjara ghalliem iehor li gie ingaggjat wara l-appellant.

Illi l-esponent kien jahdem *part-time* u ghal perjodi fissi ma’ l-iskola intimata meta fil-15 ta’ Settembru 1997 gie impjegat bhala ghalliem ta’ “Physical Education” *full time* fuq kuntratt ta’ impieg ghal zmien indefinit.

Illi fit-23 ta’ Settembru 2005, l-iskola intimata informat lill-appellant illi kien qieghed jigi dikjarat *“redundant”* u tqieghed fuq *redundancy notice.* L-appellant gie offrut ukoll impieg ta’ “part-time” wara li jahdem in-*notice.*

Illi waqt in-*notice* l-appellant xorta baqa’ jinghata ammont ta’ xoghol u jidher illi l-fondezza tar-raguni moghtija mill-iskola ma hemmx, tant illi anke f’Dicembru 2005 gie impjegat Charles Mock sabiex jaghmel l-istess xoghol *“on a part time basis.”*

Illi kieku kien hemm cirkustanzi li jammontaw ghar-*redundancy,* l-iskola kellha tittermina l-impieg ta’ impjegat iehor (ta’ l-istess suggett) Bobby Giorev, li gie ingaggat fuq kuntratt *full-time* u indefinit f’Settembru 1998, u cioe’, sena wara, izda dan l-ghalliem inzamm avolja ma ghandux izjed “work permit”.

Illi f’ dawn ic-cirkustanzi kollha, jidher illi l-esponent gie mkecci arbitrarjament u mhux skond il-ligi u jitlob illi huwa jigi *reinstated* fl-impieg.

L-iskola tghid illi t-terminazzjoni ta’ l-impieg tar-rikorrent saret skond id-direzzjoni moghtija mid-Dipartiment Relazzjonijiet Industrijali wara li l-iskola talbet kjarifika

minghand id-Dipartiment, dwar min mill-impjegati taghha kellhom jkollhom l-impieg mitmum.

Illi r-rikorrenti kien fil-fatt skond il-Ligi l-ahhar persuna li gie impjegat fid-dixxiplina li fih kien jezercita l-professjoni tieghu u ghalhekk l-allegazzjoni hija infondata u minghajr ebda bazi.

Xhieda fil-qosor

Xhud l-Avukat Peter Fenech ghall-iskola qal li hu wiehed mill-konsulenti legali ta' l-iskola St. Edward's. Madwar sena u nofs ilu l-iskola kienu talbu l-parir tieghu dwar possibiltajiet li huma jaghmlu xi *redundancies* u l-proceduri li huma kellhom isegwu.

Kienet harget pubblika li l-iskola kienet se twaqqaf is-*sixth form* u kienet se tara numru ta' postijiet li hi qed tghid ma kellhiex bzonn sabiex taghmel *redundancies.* Kien sar ezercizzju illi hu kien involut fih fejn kienu qabdu kategorija kategorija ta' dak li gie mghallem u kienu ppruvaw jaraw liema kienet il-procedura li kellha tigi segwita. Qal illi waqt li l-ligi tghidlek *last in first out* ghal dawk li huma *teachers* hemm regime differenti, hemm il-kwistjoni ta' *permanent* u *temporary warrant,* hemm il-kwistjoni li jista' jkun li kellek *temporary warrant* izda minn wara *nineteen ninety eight* (1998) hemm *legal notice* ohra. Qal illi ma hassux sikur li jghati parir minghajr ma kulhadd ikun jaf certi fatti. Ghall-ewwel kien qed jimxi fuq il-kwistjoni ta' *full-time.* Biex kemm jista' jkun ikun preciz kien kellem lid-Dipartiment tal-Impjiegi Dr. Noel Vella lil Joe Degiovanni ta' l-MUT. Kien gie infurmat mid-dipartiment illi l-*legal notice* li tghid ma tistax tiddiskrimina bejn *full-time* u *part-time,* tapplika ghall-kaz odjern u allura kienu obbligati li jitterminaw l-impieg tas-Sur Jason Muscat.

Xhud is-Sur Paul Aquilina, *clerk fl-Employment Section* l-ETC, ipprezenta l-*employment history* tas-Sur Borislav Giorev ID numru 109087W illi prezentament huwa impjegat, ilu mpjegat mill-ewwel (1) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) St. Edward's College,

Vittoriosa. Is-Sur Jason Muscat ID numru 404171M hadem *part-time* u *full-time* prezentament ilu min-ninety seven (1997) bhala *teacher* ma' St. Edward's College. Ix-xhud spjega fid-dettal kif hadmu matul iz-zmien sew is-Sur Giorev kif ukoll is-Sur Muscat kemm *part-time* u *full-time.*

Xhud Dr. Noel Vella, Direttur tax-Xoghol mitlub mil-legali ta' l-iskola jghid dwar il-kjarifika li saret mad-dipartiment fuq terminazzjoni, *redundancy* ta' l-impieg fil-Kullegg St. Edward's rigward min kellu jigi tterminat l-impieg tieghu a bazi ta' *full-time* jew *part-time.* Ix-xhud qal illi a bazi ta' l-avviz legali 427/2002 li jispecifika li ma jridx isir diskriminazzjoni bejn *part timers* u *full timers* semplicement ghaliex haddiem huwa *part-timer,* il-parir li ta d-dipartiment kien illi m'ghandux isir diskriminazzjoni a bazi tat-tip jew sieghat tax-xoghol li jahdem il-haddiem. Qal illi d-dipartiment jimxi ma' l-artiklu sitta u tletin (36) ta' l-att tal-ligi ndustrijali fejn il-*first in last out* principju irid jigi adoperat f' kaz ta' *redundancy.*

Mill-*employment history* taz-zewg haddiema u a bazi taghhom u ghall-fatt anke li s-Sur Muscat kien impjegat sa xi zmien min-ninety seven (1997) u rega' kien ghamel seba' (7) xhur jahdem ma' xi hadd iehor. Id-dipartiment kien ra li l-persuna l-ohra li kien iktar fl-impieg kontinwament u allura ta parir illi ghandu jinzamm il-persuna li kellha l-iktar zmien servizz ma' l-istess *employer.*

Xhud is-Sur Anthony Saliba, Headmaster ta' St. Edward's College, qal illi hu ried li jimxi skond il-ftehim li kellhom mal-*house union* ta' l-iskola. Qal illi huma bhala skola ma jinteressahomx mill-individwu fis-sens li rrid jaghmel xi ngustizzja bejn individwu u iehor. Li kien jinteressah bhala *employer* li ovvjament jirraprezenta l-board ta' l-iskola huwa li ried ikun cert illi ssir b'gustizzja.

Ix-xhud qal illi skond il-file personali ta' l-iskola kien hemm zmien meta l-appellant nterrompa b'mod liberu tieghu, la minhabba t-tkeccija u lanqas minhabba kwistjoni ta' *redundancy,* l-impieg kien interrott b'seba' (7) xhur ghax mar jahdem x'imkien iehor. Kellu ghalhekk jibda jghodd is-

servizz tieghu minn meta rega' gie lura. Meta ghadd is-servizz tat-tnejn, is-sitwazzjoni kienet li Bobby Giorev kien ilu numru ta' snin aktar minnu. Dan kien li wasslu ghad-decizjoni.

Kunsiderazzjonijiet

L-appellant jghid illi ma hux l-ahhar wiehed li gie ingaggat mill-iskola appellata f'din il-klassi ta' impieg allura kienet obligata li tiddikjara *redundant* ghalliem iehor li gie warajh. L-iskola kellha sitwazzjoni illi riedet taghmel xi *redundancies* izda biex taghmel dan l-iskola riedet illi tara sewwa li dak li jsir isir sewwa skond il-ligi tant illi mill-ewwel hadet il-passi ma' l-avukat taghha sabiex tinghata il-pariri necessarji kollha biex ma jkollhiex inkwiet mal-*house union.* L-Avukat ta' l-iskola Peter Fenech iffaccjat bil-kaz li kien jinvolvi sistema ta' xoghol sew *full-time* kif ukoll *part-time* kien avvicina lid-Dipartiment tax-Xoghol biex jaccerta ruhu illi kollox isir regolari minhabba l-*legal notices* li kien hemm involuti. Il-parir li nghata mid-Dipartiment tax-Xoghol kien illi ghandu jigi applikat il-*legal notice* 427 ta' l-2002.

Il-*legal notice* 427 ta' 2002 artiklu 1 (2) (a) jghid dan dwar il-*part-time; "li jipprovdu ghat-tnehhija ta' diskriminazzjoni kontra haddiema part-time u biex jtejbu il-kwalita tax-xoghol part-time*" u Artiklu 4(1) jghid, *"Minghajr pregudizzju ghall-provvediment tar-regolament 6, ghandu jkun id-dmir tal-principal li jizgura li impjegat part-time ma jkunx ittrattat inqas favorevolment minn impjegat whole-time komparabbli".* It-Tribunal htieglu jara u jezamina d-dokumenti pprezentati mill-ufficjal ta' l-ETC fejn hemm id-dati kollha tal-hajja tax-xoghol taz-zewg impjegati Jason Muscat u Bobby Giorev biex jigi ezaminat min minn bejn iz-zewg impjegati kellu l-itwal servizz ta' xoghol sabiex tkun tista' tigi applikata ir-regola ta' *"last in first out".*

Mill-*Employment History* ta' l-ETC jidher illi s-Sur Giorev beda mal-iskola fuq *part-time* fl-1 ta' Dicembru 1995 kompla hekk sas-17 ta' Marzu 1997 u fl-1 ta' Settembru 1998 beda *full-time.* Is-Sur Muscat beda ma' l-iskola fit-30 ta' Settembru 1992 izda matul iz-zmien kien mar jahdem

ma kumpaniji ohrajn u rega' beda ma' l-iskola fil-15 ta' Settembru 1997 *full-time.*

Mill-*Employment History* tal-ETC huwa evidenti illi l-appellant ma ghandux l-istess servizz tal-kollega tieghu. Il-bidu fl-impieg ma' l-iskola l-appellant hu qabel is-Sur Giorev izda ma kkontinwax regolari tant illi jidher illi matul iz-zmien kien hadem ma' kumpaniji ohra fejn wara rega' impiega ruhu ma' l-iskola sa kemm gie licenzjat. Is-Sur Giorev beda mal-iskola fl-1 ta' Dicembru 1995 bhala *part-time* u kompla regulari u fl-1 ta' Settembru 1998 gie appuntat *full-time* u ghadu ma' l-iskola.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, ra x-xhieda prodotta, isib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg saret sewwa skond il-ligi.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Il-kwezit sottomess ghall-gudizzju ta' din il-Qorti bl-appell introdott mir-rikorrenti huwa jekk it-Tribunal Industrijali kienx legalment korrett meta ddecieda, ghall-iskop ta' l-ezercizzju tal-principju tal-"*last in first out*" f' materja ta' *redundancy*, li jiehu in konsiderazzjoni, b' applikazzjoni ta' dak li hu jikkwalifika bhala l-principju gdid tal-"*continuous employment*" skond Regolament 7 (3) ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002, il-perijodu ta' zmien anterjuri ghal dak tal-kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu;

Huwa ferm importanti illi jigu qabel kollox inkwadrati l-fatti l-aktar saljenti tal-kaz kif johorgu mill-atti processwali quddiem it-Tribunal. Fil-qosor, dawn qeghdin jigu hekk ri-epilogati:-

(1) L-appellanti gie ingaggat mill-Kullegg bhala ghalliem b' kuntratt ghal zmien indefinit fil-15 ta' Settembru 1997;

(2) Qabel din id-data, l-istess appellanti kien ilu jippresta s-servizzi tieghu ta' ghalliem lill-istess Kullegg, ghalkemm fuq bazi ta' kuntratti ghal terminu ta' zmien fiss, sa mit-30 ta' Settembru 1992. Dan kif jirrizulta mill-Employment History tieghu esebit a fol. 30 u mix-xhieda ta' Paul Aquilina rapprezentant tal-ETC (fol. 38 *et seq.*);

(3) Invece, l-ghalliem l-iehor fl-istess klassi ta' impjegati, li mieghu saret il-komparizzjoni ghad-determinazzjoni tal-principji fuq esposti, iddahhal mill-Kullegg fl-impjieg ghal zmien bla limitu fl-1 ta' Settembru 1998. Dan wara li dan l-istess ghalliem, Borislev Giorev, kien, bhall-appellanti, impjegat tal-Kullegg fuq terminu fiss mill-1 ta' Dicembru 1995. Ara l-Employment History tieghu a fol. 24;

(4) Ta' rilevanza ghandu jigi notat mill-paragun bejn iz-zewg Employment Histories illi mentri dan l-ahhar imsemmi impjegat baqa' sa mill-bidunett ta' l-ingagg tieghu jippresta s-servizzi tieghu fil-Kullegg b' mod kontinwu, mhux l-istess gara fil-kaz ta' l-appellanti. Infatti, jirrizultaw interruzzjonijiet f' dak l-impjieg fejn matulhom l-appellanti mar jahdem bnadijiet ohra;

Stabbiliti dawn il-fatti, hi disposizzjoni cara tal-ligi, ex-Artikolu 36 (4) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), illi "meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impjieg ta' mpjegat minhabba *redundancy*, hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' l-impjieg milquta minn dik ir-*redundancy*";

Premess dan, l-argoment avvanzat mill-appellanti jidher li jsegwi dan l-*iter*:

(1) Huwa gie impjegat b' kuntratt ghal zmien bla limitu qabel l-ghalliem l-iehor;

(2) Ma kellhomx jitqiesu s-serje ta' kuntratti bi zmien definit ghal fini tal-kalkolu tar-regola tal-"*last in first out*";

(3) L-Avvizi Legali 427 u 429 tas-sena 2002 ma kellhomx japplikaw fil-kaz tieghu gjaladarba fil-mument li dahhlu fis-sehh hu u l-impjegat l-iehor kienu diga` impjegati *whole time*. F' kull kaz skond l-appellanti jekk kellu jkun applikabbli dan kien l-Avviz Legali 429 li gie mit-Tribunal injorat;

(4) It-Tribunal zbalja meta qiesu bhala "*last engaged*" in bazi ghall-applikazzjoni tal-principju gdid tal-"*continuous employment*";

Huwa opportun illi qabel konsiderazzjoni ta' dan l-argoment sottomess lilha mill-appellanti din il-Qorti taghmel din il-parentesi preliminari. Bil-hsieb li l-legislatur Malti juniforma ruhu mad-direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja jidher li d-dixxiplina l-gdida ntrodotta fil-ligi taghna ghar-regolamentazzjoni ta' certi impjiegi hi dik li impjegati *part-time* jew dawk ghal terminu ta' zmien fiss jigu akkordati trattament ugwali ghal dawk ta' impjegati bi zmien bla limitu, ossija li ma jkunux ittrattati "b' mod inqas favorevoli minn impjegati permanenti komparabbli" (ara Artikolu 4 taz-zewg Avvizi Legali fuq specifikati);

Ghal dak li jista' jiswa huwa importanti li jigi denotat ukoll illi din id-dixxiplina riformattiva tipprospetta illi fil-kaz ta' impjieg kontinwu ta' servizz ghal terminu ta' zmien fiss li jaqbez il-perjodu ta' erba' snin ir-rapport tax-xoghol jitqies ghal zmien indeterminat mid-data ta' l-istipulazzjoni ta' l-ewwel kuntratt, u fil-kaz ta' assunzjonijiet successivi, mid-data meta l-kuntratt kien imgedded l-ahhar darda. Ta' min josserva wkoll illi skond it-tifsira moghtija mir-Regolament 7 (3) ta' l-Avviz Legali 429/2002 il-kliem "<u>impjegat kontinwament</u> jinkludu dawk il-kuntratti b' terminu fiss li jigu mgedda fi zmien sitt xhur minn meta jiskadu";

Fermi dawn il-preliminari, irid jinghad fl-ewwel lok illi b' kuntrast mal-ligi Ingliza li introduciet ukoll l-istess regolamenti ta' l-Unjoni, il-legislatur Malti ma introduca

ebda disposizzjoni transitorja jew "*cut off date*". Dan, fil-fehma tal-Qorti, igib li fil-kaz taghna dawn ir-regolamenti nghataw effett immedjat anke ghar-rigward tal-kuntratti ghal zmien fiss li kienu fis-sehh fil-mument ta' l-introduzzjoni in vigore taghhom. Ikollu jinghad ukoll illi fil-fattispeci tal-kaz konkret, gjaladarba l-kuntratti ta' l-appellanti u tal-ghalliem l-iehor kienu jikkwalifikaw bhala dawk ta' servizz ghal terminu ta' zmien fiss l-attenzjoni tat-Tribunal kellha tkun iffokata fuq l-Avviz Legali 429 ta' l-2002 u mhux dak l-iehor 427/2002, trattasi dan minn regolamenti dwar impjegati *part time*;

Dan premess, jokkorri li l-kwestjoni hawn involuta tigi affrontata bil-bwon sens u fil-parametri tal-provvedimenti tal-ligi applikabbli, kompriz l-aspetti karatterjali innovattivi introdotti fl-ordinament taghna fil-kamp ta' l-impjiegi bir-regolamenti ta' l-Unjoni;

Huwa fatt indiskuss illi fl-istat tal-ligi kif kienet qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi fir-regolamentazzjoni tar-rapporti ta' l-impjiegi (Kapitolu 452) u tar-Regolamenti ta' l-2002 (A. L. 429), fil-kaz ta' kuntratt bi zmien ma kienux jissussistu l-presupposti ghal kwalifika ta' rapport tax-xoghol bhala wiehed li seta' jigi tradott fi zmien indefinit. B' danakollu, meta t-tul tas-servizz ikun il-kriterju principali ghas-selezzjoni tar-*redundancy*, fil-kaz ta' impjegati *whole time* dan l-istess kriterju kien, u hekk ghadu, daqstant iehor applikabbli ghall-impjegati fuq terminu ta' zmien fiss;

Issa f' dan il-kaz l-appellanti jiddeduci b' argument illi ghax hu kien l-ewwel wiehed li gie impjegat fuq bazi indefinita r-*redundancy* kellha tikkolpixxi lill-impjegat l-iehor u mhux lilu. Gja gie rilevat illi r-Regolamenti introdotti fl-2002 kellhom effett immedjat fuq il-kuntratti li kienu fis-sehh. Li jfisser illi l-Qorti la tista' tinjora l-principju sew tan-non-diskriminazzjoni introdott bihom u wisq anqas il-fatt tal-kuncett ta' l-impjieg kontinwu ghal liema jaghmel espressa riferenza r-Regolament 7 (3) ta' l-Avviz Legali 429/2002. Kuntrarjament ghal dak li jahseb l-appellanti dan ma huwa xejn principju "gdid". Hekk insibu trasportat fil-Kapitolu

452 l-istess provvediment li kien gja fis-sehh taht l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjiegi (Kapitolu 135) jigifieri, illi "meta perijodu ta' kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu jkun ta' anqas minn sitt xhur imma jkollu warajh perijodu iehor ta' impjieg simili li jibda fi zmien is-sitt xhur li jahbtu wara mill-ahhar jum ta' impjieg, iz-zewg perijodu ghandhom … dwar it-tieni perijodu ta' impjieg jitqiesu li huma perijodu wiehed kontinwu" [Artikolu 36 (6), Kapitolu 452];

Applikat dan kollu ghall-fattispeci tal-kaz *de quo* huwa fatt illi, kif jirrizulta mill-Employment History ta' l-appellanti, dan, fil-paragun ma' l-impjegat l-iehor, ma jistax jinghad li kien fl-impjieg kontinwu mal-Kullegg fil-perijodu meta kien hekk impjegat b' kuntratti tax-xoghol ghal zmien fiss. Taht dan il-profil u in bazi ghal kunsiderazzjonijiet superjorment maghmula huwa ma jistax ghalhekk iqis ruhu bhala impjegat li kellu l-aktar anzjanita` fis-servizz mal-Kullegg. Dan kemm mill-perspettiva ta' l-Artikolu 36 (6) appena riprodott kif ukoll skond id-dettam ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002. L-aggravju tieghu allura ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u anke jekk issa ghall-konsiderazzjonijiet ohra, tikkonferma s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi tal-kaz jidher gust u xieraq illi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------